MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 430/2014

Appell Nru: 430/2014

Il-Pulizja

Maggur Josephine Gauci

Vs

Simon Kind

Illum 26 ta’ Frar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Simon Kind, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 35466M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk if zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Frar 2012 sa Novembru, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Jaqueline Kind u/jew lil ibnu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahrejn prigunerija

Rat ir-rikors tal-appell ta' Simon Kind, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tal-akkuza dedotta kortrih u konsegwentament tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-espoenenti umilment talab li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata ta' Simon Kind esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u applikazzjonihazina tal-ligi ghal-akkuza in ezami.

Illi bid-dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, ma tiesta tiehu konjizzjoni ta' digreit li nghata wara li skadew ix-xahrejn minn meta l-partijiet gew awtorizzati li jipprocedu b'kawza ad hox.

Illi l-Avviz Legali 397/2003 jispecifika li wara li tinghalaq il-procedura ta' medjazzjoni, il-partijiet ghandhom jipprocedu bil-kawza relattiva fi zmien xahrjen,

procedura li ma giext segwita fil-kaz in ezami stante li l-parte civile, minflok ipprezentat rikors fl-10 ta' Mejju, 2011, wara il-medjazzjoni giet dikjaat maghluqa fl-20 ta' Jannar, 2011;

Illi ghalhekk, l-obbligu ta' hlas ta' manteniment ma johrogx mid-digriet tas-17 ta' Awwissu, 2011 izda mill-kuntratt tas-separazzjoni;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz in ezami, hawn non si tratta ta' sitwazzjoni fejn l-appellant ma huwiex qieghed ihallas il-manteniment. Dan gie konfermat mill-parte civile quddiem l-Ewwel Qorti - hawn si tratta ta' sitwazzjoni fejn il-manteniment mhux qieghed jithallas ai termini tad-digriet tas-17 ta' Awwissu, 2011;

Illi dan il-fatt, ossia illi l-appellatni qieghed ihallas parti sostanzjali tal-manteniment jidher li ma giex kunsidrata mill-Ewwel Qoprti stante li l-Qorti imponiet piena ta' prigunerijia effettiva;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet wahda eccessiva meta wiehed jikkunsidra l-fatti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' kuntratt tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' April elfejn u ghaxra (2010) in atti Nutar Pat Hili l-appellant issepara minn ma' martu Jacqueline u fost it-termini hemm dak tal-manteniment fejn l-appellant obbliga ruhu li jhallas lil martu u t-tlett uliedu l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar. Skont il-parti leza dan l-ammont qatt ma kien jigi mhallas regolarment però sussegwentement infethet medjazzjoni bejn il-partijiet, liema medjazzjoni giet dikjarata maghluqa fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tal-elfejn u hdax (2011). Hadd mill-partijiet ma ippreceda b'kawza *ad hoc*. Izda l-parte civile ipprezentat rikors fl-ghaxra (10) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) u permezz tad-digriet tas-sbatax (17) ta' Awwissu tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Familja varjat il-manteniment li kien gie pattwit bejn il-partijiet u ziedet l-ammont dovut ghal seba' mitt ewro (€700) fix-xahar. Sadanittant it-tifel il-kbir tal-

partijiet ghalaq it-tmintax-il (18) sena f'Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) fejn skont it-termini tal-istess kuntratt fuq imsemmi l-ammont dovut lill-parte civile kellu jitnaqqas b'mija u sitta u sittin ewro (€166). Il-parte civile filwaqt illi iddikjarat illi hija tahdem part time qalet illi ma baqghetx tircievi b'mod regolari l-manteniment dovut u llum il-bilanc dovut bejn April u Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) jlahhaq l-ammont ta' tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400). Tirrikonoxxi però illi qieghda tircievi tlett mitt ewro (€300) fix-xahar.

Permezz ta' sentenza tal-hmistax (15) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) (fol 19) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu ghad illi n-nuqqas ta' hlas jirrizali minn April sa Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) u ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. Dan il ghaliex l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u applikazzjoni hazina tal-ligi. Argumenta illi l-ewwel Qorti ma setghetx tiehu konjizzjoni tad-digriet illi nghata fis-sbatax (17) ta' Awwissu elfejn u hdax (2011) peress illi dan sar wara illi skadew ix-xahrejn minn mindu l-partijiet gew awtorizzati illi jipprocedu b'kawza *ad hoc.* Fi kwalunkwe kaz l-obbligu ta' hlas ta' manteniment ma johrogx mid-digriet tas-17 ta' Awwissu 2011 izda mill-kuntratt tas-separazzjoni.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tal-appellant. F'dan il-foro qed jigi trattat l-aspett kriminali tar-relazzjoni bejn l-appellant u l-parte civile Jacqueline Kind. Jekk l-appellant ghandu xi lanjanzi civili mal-parti leza dan irid jarah quddiem il-Qorti tal-Familja li huma proceduri separati u distinti minn dawk odjerni. Quddiem din il-

Qorti hemm il-kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' April 2010 kif emendat bid-digriet tal-Qorti tal-Familja tas-17 ta' Awwissu 2011. Quddiem din il-Qorti l-appellant ma jistax igib argumenti legali civili sabiex jiggustifika n-nuqqas ta' manteniment. Din mhiex il-Qorti fejn l-appellant jista' jressaq lanjanza bhal din. L-ahhar digriet vigenti bejn il-partijiet hu dak tas-17 ta' Awwissu 2011 u *ex admissis* dan mhuwiex qed jigi osservat mill-appellant kif lanqas mhu qed jigi osservat it-terminu tal-kuntratt tal-21 ta' April 2010. Mhiex skuza tal-appellant illi jghid qed ihallas parti mill-manteniment fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300). Din il-Qorti taghmilha cara illi hadd ma jista' jiehu decizjonijiet unilaterali sabiex jezimi ruhu minn xi obbligazzjoni ta' hlas ta' manteniment jew parti minnha. Biex parti tkun awtorizzata taghmel dan irid ikollha l-awtorizazzjoni specifika tal-Qorti tal-Familja li f'dan il-kaz, s'isssa, l-appellant m'ghandux u b'hekk qieghed nettament fic-censura tal-artikolu 338(z) tal-Kap 9.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------